# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/2237

## tat-30 ta' Novembru 2017

## li taħtar żewġ membri, proposti mir-Renju tal-Iżvezja, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Żvediż,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Jannar 2015, fil-5 ta' Frar 2015 u fit-23 ta' Ġunju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE) 2015/116 ([1]), (UE) 2015/190 ([2]) u (UE) 2015/994 ([3]) li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020. Fl-20 ta' Lulju 2015, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1203 ([4]), is-Sinjura Monalisa NORMANN ġiet sostitwita mis-Sur Joakim LARSSON bħala membru.

(2) Konsegwentement għal tmiem il-mandati tas-Sinjura Heléne FRITZON u tas-Sur Joakim LARSSON saru vakanti s-siġġijiet ta' żewġ membri fil-Kumitat tar-Reġjuni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Dawn li ġejjin huma b'dan maħtura membri fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2020:

— Is-Sinjura Katrin STJERNFELDT JAMMEH, *Malmö kommun*,

— Is-Sinjura Agneta GRANSTRÖM, *Norrbottens läns landsting*.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2017.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. SIMSON

---

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/116 tas-26 ta' Jannar 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 20, 27.1.2015, p. 42).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/190 tal-5 ta' Frar 2015 li taħtar il-membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 31, 7.2.2015, p. 25).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/994 tat-23 ta' Ġunju 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 159, 25.6.2015, p. 70).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1203 tal-20 ta' Lulju 2015 li taħtar tliet membri Żvediżi u sitt membri supplenti Żvediżi fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 195, 23.7.2015, p. 44).